



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0318/2013**

4.10.2013

# RAPPORT

dwar il-ġestjoni baġitarja tal-fondi tal-Unjoni Ewropea ta' qabel l-adeżjoni fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati (2011/2033(INI))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Monica Luisa Macovei

PR\_INI

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN .....	18
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	21

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-ġestjoni baġitarja tal-fondi tal-Unjoni Ewropea ta' qabel l-adeżjoni fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati**

**(2011/2033(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-istrateġija tat-tkabbir u l-isfidi ewlenin għas-snin 2007-2008, 2008-2009, 2009-2010, 2010-2011, 2011-2012 u 2012-2013,
- wara li kkunsidra l-oqsfa finanzjarji pluriennali indikattivi, id-dokumenti tal-ippjanar pluriennali indikattivi, il-programmi nazzjonali u l-fajls tal-proġetti negozjati bejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati rispettivi,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 12/2009 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-effettività tal-proġetti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni għall-Balkani tal-Punent,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 16/2009 mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għat-Turkija,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 14/2011 mill-Qorti tal-Awdituri dwar jekk l-assistenza tal-UE tejbtx il-kapaċità tal-Kroazja li tiġġestixxi l-finanzjament ta' wara l-adeżjoni,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 18/2012 mill-Qorti tal-Awdituri dwar l-assistenza mill-UE lill-Kosovo<sup>1</sup> fir-rigward tal-istat tad-dritt,
- wara li kkunsidra l-'Evalwazzjoni Tematika dwar id-Drittijiet Ġudizzjarji u Fundamentali fit-Turkija' tal-Kummissjoni, ta' Ottubru 2012,
- wara li kkunsidra l-'Evalwazzjoni Tematika dwar l-Istat tad-Dritt, ir-Riforma Ġudizzjarja u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata fil-Balkani tal-Punent' tal-Kummissjoni, (Lots 2 u 3, ta' Mejju 2012 u Frar 2013),
- wara li kkunsidra nota ta' informazzjoni ta' Marzu 2013 mill-Kummissjoni<sup>2</sup> dwar l-użu tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u fit-Turkija,

---

<sup>1</sup> Din id-deżinjazzjoni hija bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo.

<sup>2</sup> Anness 1 tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Mistoqsijiet bil-Miktub Nri. E-011447/2012, E-011448/2012, E-011449/2012, E-011661/2012, E-011662/2012, E-011663/2012, E-011664/2012 u E-011665/2012.

- wara li kkunsidra r-Rapporti ta' Progress 2012 tal-Kummissjoni dwar il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0318/2013),
- A. billi l-pajjiżi kandidati potenzjali u l-pajjiżi kandidati għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex itejbu s-sistemi ġudizzjarji tagħhom u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni jekk dan jitqies li huwa meħtieġ għall-adeżjoni, anke meta jkunu saru Stati Membri tal-UE; billi fis-Samit ta' Helsinki tal-1999, il-Kunsill Ewropew ta status ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni fl-UE lit-Turkija, filwaqt li fl-2001 ġiet adottata s-sħubija għall-adeżjoni UE-Turkija, u billi fil-Kunsill Ewropew ta' Salonka fl-2003 l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ġie kkonfermat bħala l-politika tal-UE għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, u b'hekk għamillhom eleġibbli għal adeżjoni fl-UE; billi l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA) mhuwiex l-uniku mezz li bih l-UE qed tappoġġa r-riforma tal-istat tad-dritt fil-Bosnja-Ħerzegovina u fil-Kosovo, għax l-appoġġ għar-riforma tas-settur ġuridiku fil-Kosovo hu provdut ukoll mill-EULEX, filwaqt li twettqet missjoni tal-pulizija fil-Bosnja-Ħerzegovina bejn l-2003 u l-2012;
- B. billi l-eżekuzzjoni tal-istat tad-dritt, notevolment permezz tar-riforma ġudizzjarja, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u fit-Turkija huma meqjusa bħala prijoritajiet ewlenin mill-Kummissjoni, u billi mill-2012 "l-Approċċ il-Ġdid" ġie applikat fl-ambitu tal-politika ta' tkabbir biex jindirizza r-riformi fil-ġustizzja u fl-affarijiet interni fi stadju bikri tal-proċess ta' adeżjoni permezz tal-istabbiliment ta' metodoloġija ġdida ta' negozjar li tinkludi prijoritajiet ċari u kundizzjonalitajiet fl-oqsma tal-Kapitoli 23 u 24, u b'hekk jimmiraw lejn prijoritizzazzjoni aqwa tal-assistenza finanzjarja taħt l-IPA II;
- C. billi l-Unjoni Ewropea tipprovdi assistenza finanzjarja lill-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) li ssostitwixxa l-programmi TPA, PHARE u CARDS mill-2007, u billi, bl-eċċezzjoni tal-Islanda, il-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati kollha jibbenefikaw minn fondi tal-UE ta' qabel l-adeżjoni fil-qafas tar-riforma tas-sistema ġuridika tagħhom u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- D. billi l-istrument il-ġdid ta' qabel l-adeżjoni IPA II irid ikun aktar strateġiku, effiċjenti u mmirat aħjar mill-predeċessuri tiegħu, bl-għan li jinkisbu riżultati iktar sostenibbli fit-titjib tat-tlestija tal-pajjiżi għall-adeżjoni, u fejn possibbli jiffavorixxi l-approċċ settorjali biex jappoġġa l-istrateġiji ta' riforma komprensivi tal-pajjiżi benefiċjarji,
- E. billi l-appoġġ tal-UE għar-riformi relatati mal-istat tad-dritt fil-Bosnja-Ħerzegovina u fil-Kosovo mhux limitat għall-assistenza tal-IPA – fil-Bosnja-Ħerzegovina, twettqet missjoni tal-pulizija bejn l-2003 u l-2012, filwaqt li l-appoġġ lill-Kosovo ngħata wkoll fil-forma tal-Missjoni tal-UE għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX) li ġiet skjerata fl-2008 – u billi b'total ta' aktar minn 2 000 membru tal-persunal fl-1 ta' Lulju 2013 (li minnhom aktar minn 730 ġew sekondati minn Stati Membri tal-UE) u b'baġit annwali ta' ftit aktar minn EUR 100 miljun (Ġunju 2012-Ġunju 2013), il-EULEX għandha rwol sostanzjali fl-

appoġġ favur l-istituzzjonijiet tal-Kosovo fil-qasam tal-istat tad-dritt, fosthom għar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

- F. billi mill-2007 l-proġetti reġjonali li jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn il-benefiċjarji fil-pajjiżi differenti u l-proġetti orizzontali li jindirizzaw il-ħtiġijiet maqsuma bejn numru ta' benefiċjarji huma eleġibbli taħt il-programmi multibenefiċjarji tal-IPA;
1. Ifakkar li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata hija waħda mill-aktar prijoritajiet importanti għal kull pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali li jixtieq jissodisfa l-prospettiva Ewropea tiegħu;
  2. Itenni l-importanza li jkun hemm ġudikatura indipendenti, ħarsien u promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u ġlieda effikaċi kontra l-korruzzjoni fit-tiħ tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija; jilqa' l-approċċ il-ġdid ta' negozjar tal-UE, li jankra fis-sod dawn l-oqsma ewlenin fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni u jinkludi ftuħ bikri tal-Kapitoli 23 u 24 abbażi ta' pjanijiet ta' azzjoni ċari u dettaljati, li jstimulaw l-istabbiliment tal-leġislazzjoni, l-istituzzjonijiet u r-risultati tajbin ta' implimentazzjoni meħtieġa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffissati punti ta' referenza trasparenti u ġusti matul għall-proċess kollu, li jistgħu jittraduċu l-kriterji f'passi konkreti lejn l-adeżjoni;

## ***Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja***

### *Riforma ġudizzjarja*

3. Jinnota li sa mill-2001, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni mingħand l-UE lit-Turkija fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja kienet tammonta għal EUR 128 938 935 għal 30 proġett, li minnhom EUR 66 645 666 tħallsu sal-31 ta' Diċembru 2012; jenfasizza li fil-preżent disa' proġetti twettqu, 11-il proġett għadhom għaddejjin filwaqt li 10 għadhom se jinbdew<sup>1</sup>;
4. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni, fi Frar 2012, nediet proċedura ta' rkupru fir-rigward ta' żewġ proġetti żviluppati fit-Turkija, jiġifieri l-bini ta' tliet Qrati tal-Appell f'Ankara, Erzurum u Diyarbakır<sup>2</sup> u l-appoġġ għall-istabbiliment tal-Qrati tal-Appell fit-Turkija<sup>3</sup>; jinnota li f'April 2013 ġew irkuprati EUR 21 767 205,29 u li l-ammont jikkorrispondi mal-pagamenti li saru mill-Kummissjoni għaż-żewġ proġetti; jinnota li l-evalwaturi esterni rrikużaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal irkupru sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi, sa Diċembru 2013, informazzjoni dettaljata fir-rigward ta' din il-kwistjoni u tispjega l-għażla ta' rkupru sħiħ;
5. Jinnota li sa mill-2005, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni mingħand l-UE lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja kienet tammonta għal EUR 240 064 387,48 għal 124 proġett, li minnhom EUR 85 749 243,96 tħallsu sal-31 ta' Diċembru 2012; jenfasizza li fil-preżent, 53 proġett twettqu, 47 proġett għadhom

<sup>1</sup> Anness 1 tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Mistoqsijiet bil-Miktub Nri E-011447/2012, E-011448/2012, E-011449/2012, E-011661/2012, E-011662/2012, E-011663/2012, E-011664/2012 u E-011665/2012.

<sup>2</sup> Proġett TR0501.07, kontribuzzjoni tal-UE: EUR 22 500 000, pagamenti fil-31/12/2012: EUR 20 559 457.71

<sup>3</sup> Proġett TR0401.02, kontribuzzjoni tal-UE: EUR 1 400 000, pagamenti fil-31/12/2012: EUR 1 207 747.58

għaddejjin filwaqt li 23 proġett għadhom se jinbdew<sup>1</sup>;

**Tabella 1: Assistenza ta' qabel l-adeżjoni lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja li tkopri proġetti tal-PHARE, CARDS u IPA**

Pajjiż	Total ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni mingħand l-UE (f'EUR)	Pagamenti sal-31/12/12 (f'EUR)	Għadd ta' proġetti	Status tal-proġetti		
				Għadh om se jinbdew	Għadhom għaddejjin	Twettqu
Albanija	46 954 563.08	12 681 306.32	17	2	14	1
Bosnja-Herzegovina	35 918 893.00	14 148 643.76	26	4	13	8
Kroazja	34 443 208.36	12 356 399.21	17	4	6	7
dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	11 295 000.00	3 236 000.00	13	2	1	10
Kosovo	63 613 000.00	25 641 584.77	15	6	6	3
Montenegro	4 790 085.00	3 406 910.19	9	0	2	7
Serbja	43 049 638.04	14 278 399.71	27	5	5	17
<b>Total</b>	<b>240 064 387.48</b>	<b>85 749 243.96</b>	<b>124</b>	<b>23</b>	<b>47</b>	<b>53</b>

*Ġlieda kontra l-korruzzjoni*

- Jinnota li sa mill-2001, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni lit-Turkija mingħand l-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni kienet tammonta għal EUR 6 160 000 għal 5 proġetti, li minnhom EUR 1 661 732 tħallsu sal-31 ta' Diċembru 2012; jenfasisza l-fatt li fil-preżent proġett wieħed twettaq, 2 proġetti għadhom għaddejjin filwaqt li 2 oħra għadhom se jinbdew;
- Jinnota li sa mill-2005, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mingħand l-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni kienet tammonta għal EUR 55 160 227,76 għal 45 proġett, li minnhom EUR 16 060 007,57 tħallsu sal-31 ta' Diċembru 2012; jenfasisza l-fatt li fil-preżent, 18-il proġett twettqu diġà, 17-il proġett għadhom għaddejjin filwaqt li 10 proġetti għadhom se jinbdew<sup>2</sup>;

**Tabella 2: Assistenza ta' qabel l-adeżjoni lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni covering PHARE, CARDS and IPA projects**

Pajjiż	Total ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni mingħand l-UE (f'EUR)	Pagamenti sal-31/12/12 (f'EUR)	Għadd ta' proġetti	Status tal-proġetti		
				Għadh om se jinbdew	Għadhom għaddejjin	Twettqu

<sup>1</sup> Ibid.

<sup>2</sup> Ibid.

<b>Albanija</b>	3 500 000.00	3 184 112.00	2	0	1	1
<b>Bosnja-Herzegovina</b>	4 553 791.00	1 878 730.36	16	1	9	6
<b>Kroazja</b>	9 684 397.12	3 753 821.95	9	2	2	5
<b>dik li kienet ir- Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</b>	14 647 000.00	1 182 000.00	5	3	0	2
<b>Kosovo</b>	6 500 000.00	1 394 670.10	4	2	1	1
<b>Montenegro</b>	6 391 722.00	2 690 106.00	5	1	2	2
<b>Serbja</b>	3 383 317.64	1 976 567.16	4	1	2	1
<b>Total</b>	<b>55 160 227.76</b>	<b>16 060 007.57</b>	<b>45</b>	<b>10</b>	<b>17</b>	<b>18</b>

8. Jenfasizza l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni għall-indirizzar tar-riformi tal-ġustizzja u l-affarijiet interni fi stadju bikri fil-proċess tal-adeżjoni; josserva, madankollu, li bħala medja, 3,13 % biss tal-pakkett ta' assistenza totali tal-UE ta' qabel l-adeżjoni bejn l-2012 u l-2013 ġie ddedikat għall-ġustizzja, filwaqt li 0,52 % biss huwa ddedikat għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jinnota li għall-istess perjodu, l-ammont totali allokat għall-oqsma kollha tal-politika koperti mill-Kapitoli 23 u 24 (Ġudikatura u Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja, Libertà u Sigurtà) hu madwar 7,41 % tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni ; jinnota wkoll li madwar 16,29% tal-fondi allokat lill-Komponent I jimmiraw li jsaħħu l-istat tad-dritt fpajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
9. Jirrikonoxxi li l-kuntratt tal-proġett tal-IPA tal-2007 "Appoġġ għall-kapaċitajiet fil-Ministeri tal-Ġustizzja fil-Bosnja-Herzegovina għall-Ippjanar tal-Istrateġiji, Koordinazzjoni tal-Għajjuna u Integrazzjoni mal-UE" ġie sospiż; jistieden lill-Kummissjoni biex tippovdi informazzjoni dettaljata fir-rigward tas-sospensjoni tal-kuntratt u tal-istat tal-ħidma tal-proġett sa Diċembru 2013;

*Finanzjament, prijoritajiet tat-tkabbir u kofinanzjament*

10. Jenfasizza l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni għall-indirizzar tar-riforma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni fi stadju bikri fil-proċess tal-adeżjoni; josserva, madankollu, li bħala medja, 2,87 % biss tal-pakkett ta' assistenza totali tal-UE ta' qabel l-adeżjoni għall-perjodu 2007-2013 huwa ddedikat għall-ġustizzja, filwaqt li 0,52 % biss huwa ddedikat għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

**Tabella 3: Livell ta' fondi investiti fi proġetti speċifiċi b'attenzjoni fuq ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni mqabbel mal-pakkett totali ta' assistenza tal-UE ta' qabel l-adeżjoni fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għall-perjodu 2007-2012<sup>1</sup>**

<b>Pajjiż</b>	<b>Total ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni mingħand l-UE (f'Euro)</b>	<b>Fondi investiti fir-riforma ġudizzjarja</b>	<b>%</b>	<b>Fondi investiti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni</b>	<b>%</b>
<b>Albanija</b>	591 200 000,00	46 954 563,08	7.94	3 500 000,00	0.59

<sup>1</sup> Id-dikjarazzjoni dwar il-medji tal-pakkett totali ta' qabel l-adeżjoni għall-perjodu 2007-2013 ddedikat għall-ġustizzja u ġlieda kontra l-korruzzjoni tirrifletti l-allokazzjoni għal dawn l-oqsma sa Frar 2013.

<b>Bosnja-Herzegovina</b>	655 300 000,00	35 918 893,00	5.48	4 322 690,00	0.66
<b>Kroazja</b>	998 000 000,00	28 124 764,60	2.81	9 552 355,11	0.96
<b>dik li kienet ir- Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</b>	615 100 000,00	8 903 000,00	1.45	13 285 000,00	2.16
<b>Kosovo</b>	635 300 000,00	63 613 000,00	10.01	6 500 000,00	1.02
<b>Montenegro</b>	235 600 000,00	4 377 111,00	1.86	6 391 722,00	2.71
<b>Serbja</b>	1 385 400 000,00	43 049 638,04	3.11	3 383 317,64	0.24
<b>It-Turkija</b>	4 799 000 000,00	79 287 735,00	1.65	4 810 000,00	0.10

11. Jinnota li l-livell ta' kofinanzjament mill-awtoritajiet nazzjonali huwa differenti ħafna minn pajjiż għall-ieħor, fejn il-Kroazja u t-Turkija jikkofinanzjaw il-maġġoranza tal-proġetti tagħhom filwaqt li s-Serbja għandha l-proġetti tagħha koperti b'mod sħiħ mill-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE; jemmen li l-proġetti kofinanzjati, speċjalment fl-oqsma tal-ġudikatura u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, iwasslu għal livell oġhla ta' sjieda mill-benefiċjarji; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex iżżid, taħt l-IPA II, in-numru ta' proġetti kofinanzjati mill-awtoritajiet nazzjonali;
12. Hu tal-fehma li l-livell ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni investit fir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ma jirriflettix il-prijorità stabbilita mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward; minħabba l-importanza tal-kwistjonijiet relatati mal-ġudikatura u l-korruzzjoni, il-gravità tal-problemi fil-post, kif ukoll l-effetti pożittivi u s-sinerġiji li jistgħu jgawdu minnhom setturi oħra jekk ir-riformi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni jitwettqu u jiġu implimentati kif jixraq, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi benefiċjarji jallokaw livell ta' finanzjament aktar sostanzjali u adegwat għal dawn iż-żewġ setturi; jinnota madankollu li fatturi oħra bħad-djalogi strutturati speċifiċi għall-pajjiżi dwar l-istat tad-dritt u l-ġudikatura, għandhom impatt sostanzjali fuq l-effiċjenza tal-assistenza tal-UE ta' qabel l-adeżjoni fir-riforma tas-sistemi ġudizzjarji u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jirrikonoxxi għaldaqstant li s-sehem tal-finanzjament ġenerali mhuwiex l-uniku kriterju għall-effiċjenza tal-isforzi tal-UE biex isaħħu l-istat tad-dritt u l-prattiki kontra l-korruzzjoni;
13. Jiddispijaċih għall-fatt li l-finanzjament taħt l-IPA I jidher li hu limitat meta titqies l-importanza ta' dawn l-oqsma; josserva, madankollu, il-kapaċità ta' assorbiment dgħajfa tal-IPA I fil-qasam tal-istat tad-dritt f'xi pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali; iqis li hu essenzjali li titjeb il-ġestjoni tal-finanzjament ta' qabel l-adeżjoni f'dan il-qasam taħt l-IPA II, u jenfasizza li l-progress fl-ilħuq tal-oġġettivi speċifiċi dwar ġudikatura indipendenti u effiċjenti, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom, għandhom ikunu mmonitorjati u evalwati abbażi ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi; iqis li hu importanti wkoll li jiġi offrut inċentiv ta' rendiment taħt l-IPA II sabiex jiġi ppremjat ir-rendiment fejn isir progress sostanzjali fl-ilħuq tal-oġġettivi speċifikati fid-dokumenti ta' strateġija;
14. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni m'għandhiex għodda biex tipprovdi rata ta' eżekuzzjoni b'mod awtomatiku għall-proġetti tal-UE ta' qabel l-adeżjoni u jenfasizza li hu kruċjali li nkunu nafu r-rata ta' eżekuzzjoni biex tkun monitorjata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-proġetti u, għaldaqstant, biex kwalunkwe magħlaq jiġi indikat fi stadju bikri; jistieden lill-Kummissjoni tiċċentralizza d-dejta fuq bażi ta' sitt xhur dwar ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-proġetti li għalihom teżisti allokkazzjoni ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE;



15. Jinnota li l-kooperazzjoni dwar ir-riforma tas-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni sseħħ ukoll fil-livell politiku permezz ta' djalogi strutturati għal kull pajjiż dwar l-istat tad-dritt u l-ġudikatura li jiġu stabbiliti mal-kandidati u mal-pajjiżi kandidati;

### *Rimarki ġenerali*

16. Jenfasizza li l-effikaċja tal-proġetti ta' qabel l-adeżjoni implimentati fl-oqsma tal-ġudikatura u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni tiddependi primarjament fuq ir-rieda tal-awtoritajiet politiċi li jadottaw u jimplimentaw b'mod sħiħ ir-riformi; jiddeplora li fil-maġġoranza tal-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati jeżisti nuqqas ta' appoġġ politiku b'saħħtu biex jiġu implimentati riformi effettivi li jirrigwardaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jew ġudikatura indipendenti b'mod sħiħ; jindika li l-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati jirċievu assistenza ta' qabel l-adeżjoni mill-UE biex jagħmlu s-sistemi legali tagħhom, kemm fil-qafas leġislattiv kif ukoll fil-prattika, konformi mal-istandards Ewropej;

### *Riforma ġudizzjarja*

17. Jilqa' dawk il-bidliet li jallinjaw aktar il-qafas ġuridiku u istituzzjonali mal-acquis tal-UE, kif ukoll il-modernizzazzjoni tal-istabbiliment istituzzjonali tal-ġudikatura; jirrikonoxxi, pereżempju, l-impatt pożittiv fuq l-imparzjalità u l-effiċjenza tal-qrati tal-introduzzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet (CMS), għalkemm il-finanzjament u l-effikaċja tagħha huma spiss imxekkla minn objettivi ambizzjużi żżejjed bħal fil-Kosovo;
18. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq definizzjoni aktar ċara tal-ambitu tal-proġetti fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tagħti lok għal monitoraġġ u rappurtar aktar konsistenti f'dawn l-oqsma;
19. Jenfasizza li l-Parlament għandu jkun involut b'mod attiv fis-superviżjoni tal-allokazzjoni u l-infiq tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fl-oqsma kollha, inklużi s-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza, għaldaqstant, li l-Parlament għandu jinżamm infurmat dwar l-implimentazzjoni tal-IPA u l-allokazzjoni tal-fondi għall-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
20. Ifakkar li l-istat tad-dritt hu l-pedament tad-demokrazija u kundizzjoni preliminari għal ekonomija tas-suq funzjonanti u jenfasizza l-ħtieġa li r-riformi ġudizzjarji jiġu meqjusa f'kuntest usa'; jinsisti dwar il-fatt li s-sistema tal-ġustizzja għandha tkun indipendenti għalkollox, aktar prevedibbli, effiċjenti u ġusti sabiex ikun żgurat li l-poplu u l-komunità tan-negozju jafdaw il-ġudikatura; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tkun stabbilita d-distribuzzjoni aleatorja tal-każijiet fil-qrati kollha u li tkun żgurata ġustizzja f'waqtha flimkien mal-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha immedjatament wara l-adozzjoni u aċċess faċli għalihom, kif ukoll il-vantaġġi, fosthom dawk finanzjarji, tal-użu tal-ġustizzja elettronika; jindika li t-taħriġ adegwat u kontinwu tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-iskrivani huwa essenzjali; jinnota li "l-Approċċ il-Ġdid" għandu jiffoka fuq dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni;
21. Iqis li huwa essenzjali li l-assistenza finanzjarja tal-UE tintrabat aktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-politika tat-tkabbir, speċjalment fir-rigward tal-istat tad-dritt, sabiex jitjiebu l-indipendenza, ir-responsabilità, l-imparzjalità, il-professjonalità, it-trasparenza u

l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji; jenfasizza li l-finanzjament prevedibbli u suffiċjenti huwa rekwiżit preliminari ewlieni għal riformi ġudizzjarji sostenibbli; jenfasizza l-importanza ta' taħriġ professjonali kontinwu għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali; Jappella biex jingħata finanzjament ulterjuri lill-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili u jkun hemm aktar ħidma magħhom sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tal-ġudikatura u jitjiebu l-kapaċitajiet fuq żmien fit-tul tagħha, kif ukoll lil dawk li jaġixxu bħala għassiesa u informaturi fir-rigward tal-użu ħażin tal-fondi;

22. Jiddeplora l-fatt li l-impatt u s-sostenibbiltà tal-assistenza finanzjarja tal-UE huma ostakolati minħabba nuqqas ta' sistemi ġudizzjarji prevedibbli u ta' finanzjament nazzjonali prevedibbli u suffiċjenti;
23. Jinnota li "l-Approċċ il-Ġdid" għandu l-intenzjoni li jiffoka fuq dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni;

#### *Ġlieda kontra l-korruzzjoni*

24. Jinnota li l-korruzzjoni hija sfida ewlenija għall-maġġoranza tal-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati; huwa mħasseb li f'bosta pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, ir-rapporti dwar il-progress jinnutaw li r-rabtiet li ġew stabbiliti bejn il-kriminali, in-netwerks tal-kriminalità organizzata u l-élites politiċi matul il-kunflitti fir-reġjun għadhom jeżistu fis-soċjetajiet tal-lum; jinsab imħasseb ferm dwar il-fenomeni ta' "manipulazzjoni tal-istat" li huwa preżenti f'uħud minn dawk il-pajjiżi;
25. Jinnota li implimentazzjoni ġenwina u riżultati konkreti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikulari fil-każijiet ta' korruzzjoni politika fl-livell għoli u l-korruzzjoni fil-ġudikatura, għadhom sfida kbira, u li għandha tinkiseb sensiela ta' esperjenzi konvinċenti ta' każijiet ta' prosekuzzjoni u kundanni biex ikun jista' jitkejjel il-progress; jilqa' l-fatt li "l-Approċċ il-Ġdid" ser jiffoka fuq dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa għal ippjanar u finanzjament aħjar tal-attivitajiet kontra l-korruzzjoni, abbażi ta' kooperazzjoni bejn firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa perspettiva strateġika aktar fit-tul u b'bażi usa' tal-finanzjament tal-UE għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jaħdmu fl-oqsma tat-trasparenza u ta' kontra l-korruzzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE; jinnota li "l-Approċċ il-Ġdid" għandu l-intenzjoni li jiffoka fuq dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni;
26. Jixtieq li jkun hemm riżultati ta' prosekuzzjonijiet u deċiżjonijiet tal-qorti li jkunu imparzjali u li jkollhom suċċess fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż f'kawżi ta' profil għoli, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet pubbliċi; jistieden l-awtoritajiet rilevanti jtejbu l-kooperazzjoni interistituzzjonali, speċjalment bi strutturi ta' infurzar tal-liġi, iqajmu l-kuxjenza pubblika u jiżviluppaw il-kapaċitajiet għall-ippjanar, l-infurzar u l-monitoraġġ ta' regoli u attivitajiet kontra l-korruzzjoni, kif ukoll sabiex jikkooperaw mill-qrib mal-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u sabiex jaħdmu mill-qrib mal-entitajiet indipendenti tal-istat, bħall-aġenziji kontra l-korruzzjoni; jappella għall-implimentazzjoni ta' strateġiji li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni fuq livell nazzjonali u internazzjonali;
27. Jemmen li l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-midja u dik diġitali jirrappreżentaw kontroll

kruċjali fuq is-setgħa u komponent importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kemm billi tingħata pjattaforma għal-libertà tal-espressjoni u jingħata lill-pubbliku aċċess għal informazzjoni; jitlob, għaldaqstant, li dawn il-libertajiet jiġu segwiti b'mod attiv permezz ta' programmi taħt l-IPA, maħsuba għall-gvernijiet, iċ-ċittadini u l-istampa kif ukoll lejn l-uffiċjali tal-midja;

28. Jinsab imħasseb li l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE mhux dejjem tintuża f'manjiera konsistenti minħabba n-nuqqas ta' approċċ u strateġija reġjonali; jenfasizza pereżempju li filwaqt li fil-Kroazja l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE ffinanzjat aġenzija kontra l-korruzzjoni b'setgħat investigattivi, fil-Kosovo ffinanzjat aġenzija kontra l-korruzzjoni mingħajr dawn is-setgħat u b'hekk qajmet dubji dwar l-effiċjenza tagħha; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi strateġija reġjonali ċara sabiex tevita li tiffinanzja mudelli kontradittorji fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati;

#### *Implimentazzjoni tal-proġetti*

29. Jinnota li l-proġetti ta' qabel l-adeżjoni għandhom tul ta' bejn sena u tliet snin u nofs; jirrikonoxxi, abbażi ta' evalwazzjonijiet tematiċi esterni, li tali skadenzi jgħolqu sfida, u aktarx huma ambizzjużi żżejjed, meta nqisu l-kamp ta' applikazzjoni wiesgħa ta' ħafna mill-proġetti u d-diversi komponenti tagħhom, li spiss ikunu kkumplikati; minħabba l-kumplessità tar-riformi fl-oqsma tal-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-ħin ikkonsmat fl-attivitajiet ta' qabel il-programmazzjoni, jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiegħu miżuri adegwati fil-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA II u proġetti li jwasslu għal skala ta' żmien itwal (ħames sa seba' snin), filwaqt li jiġu inkorporati eżerċizzji ta' reviżjoni predeterminati u perjodiċi li jagħtu lok għal aġġustamenti iktar flessibbli, fosthom fil-pakkett finanzjarju;

30. Jinsab imħasseb dwar dewmien kroniku fl-implimentazzjoni tal-proġetti u, fl-aħħar mill-aħħar, l-effiċjenza tagħhom; jinnota, pereżempju, li l-proġetti fit-Turkija bħala medja jaqgħu lura b'sena qabel ma jiġu eżegwiti l-kuntratti, minħabba li jinholq magħlaq fis-sejthiet għall-offerti u l-ikkuntrattar, filwaqt li fil-Kroazja l-kuntratti tal-programmi PHARE bħala medja ġew iffirmati aktar minn sena wara d-data skedata għall-iffirmar, f'tijem biss qabel l-iskadenza għall-ikkuntrattar stabbilita fil-Ftehim Finanzjarju;

31. Jinsab imħasseb ulterjorment li l-kumplessità tar-regoli dwar l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u r-riġidità tagħhom f'każ meta jkun hemm il-ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet ġodda f'proġett eventwalment jgħolqu inċentiv kontroproduċenti biex tiġi ripetuta attività jew jiġi aċċettat disinn ta' proġett mhux sodisfaċenti; jemmen madankollu li għad irid jinstab il-bilanċ ġust bejn il-flessibilità li sservi l-effiċjenza fil-proġetti u l-ħtieġa li jiġu evitati l-irregolaritajiet u jiġi żgurat li l-aħjar valur għall-flus għad irid jinkiseb u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħixxi f'dan ir-rigward skont l-IPA II;

32. Jemmen li għandhom dejjem jiġu mwettqa l-attivitajiet ta' tħejjija ("pilota") f'każijiet ta' proġetti wiesa' qabel ma jiġu skjerati b'mod sħiħ sabiex jiġu identifikati u jittaffew in-nuqqasijiet potenzjali, jiġu limitati d-dewmien evitabbli u d-diffikultajiet u mkejla r-riżultati li jistgħu jinkisebu;

33. Jinnota li approċċ settorjali aktar komprensiv fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tinvolvi bidliet pożittivi, bħal pereżempju sforzi għal riforma

nazzjonali ffukati aħjar, koordinament imtejjeb bejn id-donaturi u interazzjoni aħjar bejn proġetti individwali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-approċi settorjali jiġu introdotti skont il-linji gwida dwar l-approċ settorjali fl-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u li jiġu mtejba l-kapaċitajiet tal-pajjiżi benefiċjarji biex ifasslu u jimplimentaw l-istrateġiji settorjali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttiprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-approċ settorjali matul il-fażijiet ta' ppjanar u programmazzjoni tal-IPA II, iqis li f'ħafna pajjiżi benefiċjarji la l-qafas istituzzjonali u lanqas il-proċessi baġitarji m'huma fl-ivell xieraq għall-appoġġ baġitarju settorjali u jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi t-titjib istituzzjonali u proċedurali meħtieġ fil-pajjiżi benefiċjarji;

34. Jenfasizza li l-kooperazzjoni u l-koordinament ma' donaturi u ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra huma ta' importanza kbira biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, tiġi żgurata l-effettività tal-ghajjnuna u jitravwem il-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi potenzjalment kandidati; jiddispjaċih li r-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas tal-Investment għall-Punent tal-Balkani, inizjattiva konġunta tal-UE, tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, tad-donaturi bilaterali u tal-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent li jsaħħu l-koerenza fl-appoġġ tad-donaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lis-sħab tagħha jistabbilixxu mekkaniżmu fl-istess spirtu tal-Qafas tal-Investment għall-Punent tal-Balkani fejn sabiex isaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u biex iżommu lill-Parlament informat dwar il-progress kollu miksub;

#### *Prestazzjoni u sostenibilità*

35. Jirrikonoxxi li, wara l-awditjar tagħha tal-proġetti ta' qabel l-adeżjoni għall-perjodu 2001-2005, il-Qorti tal-Awdituri qalet li s-sostenibilità tal-proġetti tista' titjeb: (i) kieku jiżdied l-involviment tal-benefiċjarji; (ii) kieku l-proġetti ma jitnedewx mingħajr ma jkollhom pjan ta' manutenzjoni; (iii) kieku l-Kummissjoni kellha ssegwi d-distribuzzjoni aktar mill-qrib u tevalwa l-użu tat-tagħmir u l-infrastruttura ffinanzjata mill-UE; u (iv) kieku l-assistenza teknika kellha tkun akkumpanjata b'inkoraġġiment attiv għal bidla istituzzjonali; jenfasizza l-fatt li minkejja t-titjib fl-ambitu tal-programm IPA għad baqa' xi nuqqasijiet, b'mod partikolari f'termini ta' involviment u manutenzjoni min-naħa tal-partijiet konċernati, u jinnota, pereżempju, li waqt il-proċess ta' programmazzjoni tal-2011 fit-Turkija, il-benefiċjarji bilkemm kienu involuti fl-aħħar 12-il xahar;
36. Jinnota li l-proġetti ta' qabel l-adeżjoni huma bbażati fuq il-fajls tal-proġetti li jippreżentaw l-oġettivi ġenerali u speċifiċi tagħhom, l-attivitajiet previsti li għandhom jiġu implimentati, l-iskeda taż-żmien tagħhom, l-ispejjeż u l-mezzi ta' implimentazzjoni u l-indikaturi li fuqhom jista' jiġi mkejjejl is-suċċess tal-proġetti;
37. Jindika li l-Artikolu 30 tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (ir-Regolament Nru 966/2012 – ir-Regolament Finanzjarju) jirrikjedi li jiġu stabbiliti oġettivi SMART għall-miżuri kollha ta' politika koperti mill-baġit tal-UE u jiġu stabbiliti fir-rapporti annwali dwar l-attività bħala parti mill-proċessi tal-ibbaġitjar u tal-ġestjoni bbażati fuq l-attivitajiet;
38. Josserva li l-fajls tal-proġetti tjiebu maż-żmien, u ġew inklużi fihom aktar oġettivi SMART li huma mfasla aħjar, kif ukoll indikaturi speċifiċi għall-komponenti differenti ta' proġett; jinsab imħasseb, madakollu, li l-evalwazzjoni esterna rrappurtat li xi proġetti

ma kellhomx konċentrazzjoni minħabba indikaturi mhux xierqa, b'indikaturi SMART li mhux dejjem kienu adatti għas-settur tal-ġustizzja; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiffasslu indikaturi kwalitattivi li kapaċi jkejlu l-impatt fit-tul tal-proġetti; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taġti gwida dwar l-utilizzazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni li għandhom jiġu użati għall-finijiet ta' programmazzjoni, monitoraġġ u valutazzjoni tal-qafas finanzjarju 2014-20 relatat mal-IPA II; jemmen li l-indikaturi speċifiċi fis-settur tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà għandhom jiġu żviluppati u jintużaw skont l-approċċ aktar strateġiku tal-IPA II;

39. Hu tal-fehma li t-taħriġ ta' kwalità huwa aspett vitali tar-riforma ġudizzjarja u jilqa' l-fatt li iktar minn 30 % tal-attivitajiet tat-TAIEX huma ddedikati lill-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà, iżda għandu dubji dwar ir-rilevanza tal-indikaturi tal-oġġettivi definiti fil-fajls tal-proġetti, li jintużaw biex ikejlu l-valur miżjud tal-attivitajiet ta' taħriġ; isemmi l-fatt li indikaturi bħal pereżempju 'kwalità u kwantità ta' attivitajiet ta' taħriġ imwettqa mill-persuni li taw it-taħriġ' jew 'konsulenti ġudizzjarji mħarrġa sodisfatti bit-taħriġ' jiffukaw prinċipalment fuq l-output, u ma jqisux ir-riżultati; jindika, pereżempju, li l-fatt li l-parteċipanti jgħidu fi stħarriġ li t-taħriġ se jkollu impatt fuq ix-xogħol taġħhom mhux minnu nnifsu indikatur tal-impatt; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni ttejjeb aktar l-indikaturi relatati mat-taħriġ u biex torganizza valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt tal-attivitajiet ta' taħriġ implimentati fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
40. Jiddeplora l-fatt li sikwit, id-data bażi rilevanti li sservi ta' punt tat-tluq għall-kejl tat-titjib hija nieqsa, u li għaldaqstant ma jkunx possibbli li jitkejlu l-bidliet li jsiru bis-saħħa tal-proġetti ta' qabel l-adeżjoni;
41. Josserva li l-appoġġ għar-riformi leġiżlattivi huwa wieħed mill-iktar proġetti komuni ta' qabel l-adeżjoni; jinnota li l-oqfsa istituzzjonali issa huma konformi mal-istandards Ewropej iżda huwa mħasseb li s-sostenibilità ta' dak it-tibdil fil-liġijiet u fl-oqfsa fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati tinsab friskju minħabba n-nuqqas ta' strateġija ġenerali kif indikat mill-evalwaturi esterni; jinnota b'mod partikolari li l-liġijiet sekondarji u r-regolamenti kumplimentari spiss huma neqsin, it-tibdil fir-rwoli u r-responsabbiltajiet mhuwiex indikat b'mod ċar, u l-persunal mhuwiex imħarreġ b'mod xieraq u b'hekk ma jistax japplika l-liġijiet ġodda kif previst; jinsisti li l-appoġġ għar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni għandu jkun fit-tul u komprensiv bi kriterji ta' valutazzjoni li jkopru l-proċess kollu mill-produzzjoni ta' oqfsa ġodda, liġijiet, liġijiet sekondarji u regolamenti sal-prosekuzzjoni nnifisha f'każijiet ta' livell għoli;
42. Jinnota li l-prestazzjoni u s-sostenibilità tal-programmi multibenefiċjarji għadhom ma ġewx ivvalutati; jitlob lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jinkludu dawn il-proġetti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' Rapport Speċjali futur dwar l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati;

#### *Monitoraġġ u evalwazzjoni*

43. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u s-sostenibilità tal-programmi ta' qabel l-adeżjoni permezz tar-rapporti tal-monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (ROM) iżda jiddisjaċi li dawn ir-rapporti mhumiex disponibbli għall-pubbliku; huwa tal-fehma li r-Rapporti ta' Progress (PR) tal-Kummissjoni għandhom jirriflettu fuq is-sejbiet tar-rapporti ROM u jipprovdu valutazzjoni tal-programmi u tal-impatt taġħhom ġaladarba jiġu

implimentati; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tintroduċi kapitolu dwar l-inklużjoni tal-konklużjonijiet tar-ROM f'kull Rapport ta' Progress ;

44. Jindika d-distakk fl-għadd ta' rapporti ta' ROM (monitoraġġ orjentat fuq ir-riżultati): fil-fatt, inkitbu 31 rapport għall-Albanija u l-ebda rapport għall-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, il-Montenegro u s-Serbja; jindika, barra minn hekk, li l-pajjiżi li jużaw is-sistema ta' implimentazzjoni deċentralizzata (DIS) mhumiex mitluba jwettqu ROM estern, u għaldaqstant fil-Kroazja ma tantx jingħata segwitu indipendenti tal-prestazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ estern indipendenti regolari u bir-reqqa tal-programmi ffinanzjati bl-assistenza tal-UE ta' qabel l-adeżjoni fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
45. Jinsab imħasseb li r-rapporti ROM huma meqjusa li jxaqilbu strutturalment favur klassifikazzjoni pożittiva u li mhumiex adegwati għal monitoraġġ fit-tul tal-prestazzjoni; jenfasizza li l-monitoraġġ għandu jsegwi l-prestazzjoni tas-setturi, u mhux biss ir-riżultati tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni ta' monitoraġġ komprensiv li jinkludi għodod oħra tal-evalwazzjoni apparti r-rapporti ROM, bħal pereżempju oqsfa tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-setturi b'indikaturi SMART, biex ikun possibbli l-monitoraġġ komprensiv tal-eżiti tal-proġett f'punti differenti; jixtieq li jkun infurmat dwar il-progress li sar qabel tmiem l-2014;
46. Ifakkar fit-talba tal-Parlament lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt u r-riżultati miksuba permezz tal-allokazzjoni tal-fondi tal-UE fir-riforma tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati<sup>1</sup>; jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni fl-2012/2013 ta' valutazzjoni dwar il-Ġudikatura u d-Drittijiet Fundamentali fit-Turkija u valutazzjoni tal-Istat tad-Dritt, ir-Riforma Ġudizzjarja u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata fil-Balkani tal-Punent; jiddispjaċih madankollu li l-valutazzjoni fuq it-Turkija ma inkludietx revizzjoni tal-proġetti relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
47. Huwa konxju li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħalissa qed tipprepara Rapport Speċjali dwar l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni fis-Serbja; jirakkomanda bil-qawwi li l-proġetti implimentati fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar tal-prestazzjoni;

### *Trasparenza*

48. Hu tal-fehma li għandha tinħoloq bażi tad-dejta, li tkun magħmula disponibbli pubblikament, li telenka l-proġetti kollha ffinanzjati fl-ambitu tal-programmi ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tiżviluppa miżuri biex tiżdied it-trasparenza tal-arranġamenti ġuridiċi u tfassal sistema fejn il-benefiċarji kollha tal-finanzjament tal-UE jiġu ppubblikati fuq l-istess sit elettroniku, indipendentement mill-amministratur tal-fondi, u li tkun ibbażata fuq kategoriji ta' informazzjoni standard li l-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu, b'mill-inqas waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-Unjoni;
49. Jinnota l-impenn tal-Kummissjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet sal-2015 permezz

---

<sup>1</sup> P7\_TA(2011)0059, P7\_TA(2011)0151, P7\_TA(2011)0091

tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-assistenza tal-IPA f'konformità mal-Inizjattiva Internazzjonali tat-Trasparenza tal-Għajnuna li stabbiliet standards komuni għall-pubblikazzjoni elettronika ta' informazzjoni f'waqtha, komprensiva u prospettiva dwar ir-riżorsi pprovduti permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jenfasizza li tali inizjattiva ser tagħti l-frott tagħha biss jekk l-informazzjoni tiġi aġġornata regolarment; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni ta' tagħna l-bażi tad-dejta kull xahar kif ippjanat;

### ***Kummenti relatati mal-pajjiżi***

#### ***Albanija***

50. Jilqa' t-titjib li l-appoġġ tal-UE ġab kemm fil-qafas ġuridiku kif ukoll fil-qafas istituzzjonali u l-infrastruttura tal-ġudikatura fl-Albanija; huwa mħasseb, madankollu, dwar ir-rappurtar mhux suffiċjenti tar-riżultati dwar l-użu effettiv, l-implimentazzjoni u l-impatt konkret ta' dawn it-trasformazzjonijiet kollha;
51. Jirrikonoxxi r-riżultati f'termini ta' adozzjoni tad-dokumenti strateġiċi fil-qasam ta' kontra l-korruzzjoni, huwa serjament imħasseb, iżda, dwar l-effettività baxxa tal-miżuri li ttieħdu f'dan il-qasam; jenfasizza li fl-2012 l-Albanija ġiet ikklassifikata bħala l-aktar pajjiż korrott tal-Ewropa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet Albaniżi jergġu jivvalutaw b'mod urġenti l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni f'dan il-pajjiż;

#### ***Bosnja-~~Herzegovina~~***

52. Jiddeplora n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' wħud mill-kapaċitajiet imtejba tal-ġudikatura fil-Bosnja-~~Herzegovina~~; jinsab imħasseb li, fl-awditjar tal-2009 tagħha, il-Qorti tal-Awdituri nnutat in-nuqqas ta' finanzjament għall-operazzjonijiet u ż-żamma tal-infrastruttura miksuba li jinvolvi riskju li t-titjib ikun nieqes mis-sostenibilità;
53. Jinsab imħasseb serjament dwar ir-rendiment limitat tal-aġenzija kontra l-korruzzjoni fil-Bosnja-~~Herzegovina~~ u n-nuqqas ta' rappurtaġġ dwar ir-riżultati speċifiċi kontra l-finanzjament tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

#### ***Kroazja***

54. Jinnota l-progress miksub mill-Kroazja f'xi oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-implimentazzjoni tagħhom, u l-fatt li s-sostenibilità tagħhom ġiet żgurata permezz ta' proġetti ta' segwitu;
55. Jinnota xi żviluppi pożittivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ppreżentati fir-rapporti ta' progress annwali għall-Kroazja; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riskju li l-miżuri adottati qabel l-adeżjoni tal-pajjiż fl-Unjoni Ewropea mhumiex irriversibbli u sostenibbli; jenfasizza, pereżempju, li mhuwiex ċar liema istituzzjoni tinsab fil-pożizzjoni ta' tmexxija tas-sorveljanza tar-riformi kollha kontra l-korruzzjoni, li l-membri tal-Kummissjoni dwar il-Kunflitt ta' Interess ġew maħtura biss fil-bidu ta' Frar 2013 u jqajjem dubji dwar l-operabilità u r-riżultati tagħha, u li l-ħatriet politikament motivati fil-ministeri u fil-bordijiet superviżorji tal-kumpaniji għadhom għaddejjin u qegħdin fil-fatt jiżdiedu;

## ***Kosovo***

56. Jinnota li n-nuqqas ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-Kosovo bbażati fi Pristina fuq il-parti tat-Tramuntana tat-territorju jfisser li proġetti tal-IPA bħal dak tar-'Riforma tas-Sistema tal-Edukazzjoni Legali' intenzjonati li jkopru l-Kosovo kollu kellhom b'mod ġenerali impatt negliġibbli fit-Tramuntana;
57. Huwa serjament imħasseb li l-assistenza tal-UE fil-Kosovo fil-qasam tal-istat tad-dritt ġiet ikkonstatata bħala mhux effettiva biżżejjed mill-Qorti tal-Awdituri; jirrikonoxxi li ċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-Kosovo, bħall-punt ta' tluq baxx għat-tiswir tal-istat tad-dritt u l-prijorità insuffiċjenti mogħtija f'dan il-qasam mill-awtoritajiet tal-Kosovo jispjegaw sa ċertu punt l-effikaċja limitata tal-azzjoni tal-UE; jenfasizza, madankollu, l-eżistenza ta' oqsma fejn il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jistennew titjib:
- definizzjoni aħjar tal-oġettivi tal-bini tal-kapaċità u r-rabta tagħhom ma' punti ta' riferiment speċifiċi li fuqhom jista' jiġi mkejje l-progress;
  - koordinament aħjar tal-oġettivi esterni u interni,
  - koordinament aħjar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-koordinament tagħhom mal-awtoritajiet tal-Kosovo u l-komunità internazzjonali, biex jiġi żgurat li l-EULEX topera bin-numru awtorizzat sħiħ ta' persunal u li dan jiġi skjerat għall-perjodu ta' żmien meħtieġ u jkollu l-ħiliet xierqa biex ikun effikaċi, u
  - jiġi żgurat li d-djalogu dwar il-politika mal-awtoritajiet tal-Kosovo jiffoka b'mod partikolari fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u jkun marbut mal-inċentivi u l-kundizzjonijiet ta' prijorità;
58. Jinsab partikolarment imħasseb dwar in-nuqqas ta' progress tanġibbli fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-Kosovo; iqis il-korruzzjoni bħala sfida ewlenija u ostakolu serju għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet pubbliċi;

## ***Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja***

59. Jilqa' l-progress miksub fil-qafas leġislativ għar-riforma ġudizzjarja u t-tibdiliet pożittivi f'termini ta' effiċjenza u imparzjalità li gābet magħha l-installazzjoni tas-Sistema Awtomatizzata tal-Infurmazzjoni tal-Ġestjoni tal-Każijiet tal-Qorti; jirrikonoxxi l-approċċ attiv ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fir-riforma tal-ġudikatura tagħha u l-pożizzjoni ewlenija tagħha f'dan il-qasam;
60. Jinsab imħasseb li mhu disponibbli l-ebda rappurtar dwar l-effikaċja tal-proġetti tal-IPA dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni f' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

## ***Montenegro***

61. Jilqa' t-titjib fil-kooperazzjoni reġjonali fl-oqsma tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, it-tisħiħ tal-qafas ġuridiku meħtieġ biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudikatura u t-titjib fl-effiċjenza tal-ġudikatura fil-Montenegro; jinsab imħasseb dwar il-koordinament dgħajef bejn id-donaturi u l-klassifikazzjonijiet baxxi tas-sostenibilità tal-



proġetti;

62. Jinnota li l-korruzzjoni hija ta' tħassib serju fil-Montenegro; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Montenegro fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jilqa', b'mod partikolari, it-tisħiħ tad-Direttorat għall-Inizjattiva Kontra l-Korruzzjoni li seħħ permezz tal-finanzjament tal-UE;

### ***Serbja***

63. Jinsab imħasseb li l-indipendenza tal-ġudikatura għadha kwistjoni ta' tħassib serju fis-Serbja speċjalment minħabba l-influwenza politika żejda; jiddispjaċih barra minn hekk li l-leġiżlazzjoni ġdida la hija infurzata b'mod konsistenti u lanqas b'mod xieraq, u b'hekk tqiegħed friskju l-effiċjenza tagħha;

64. Jilqa' l-evalwazzjoni pożittiva tal-proġett "Appoġġ għall-Istabbiliment tal-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni" u notevolment il-fatt li l-proġett għandu jkollu impatt sinifikanti fuq il-gruppi kollha fil-mira u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali; jinsisti madankollu fuq il-ħtieġa għal monitoraġġ kostanti sabiex jiġi żgurat li l-iżviluppi politiċi ma jxekklu il-proġett;

### ***Turkija***

65. Jirrikonoxxi li l-proġetti implimentati fil-qasam tal-ġudikatura jagħtu prova raġonevoli tas-sostenibilità u jilqa' r-rieda politika mill-awtoritajiet Torok biex ikomplu l-proċess ta' riforma li ġie mniedi kif muri mill-allokazzjoni baġitarja miżjuda għat-taħriġ ġuridiku; jinnota madankollu numru ta' nuqqasijiet fit-tfassil tal-proġetti bħan-nuqqas ta' dejta ta' bażi u n-nuqqas ta' indikaturi SMART li għandhom jiġu indirizzati biex jippermettu l-valutazzjoni xierqa tal-impatt tal-proġetti ta' qabel l-adeżjoni;

66. Jinnota li fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-assistenza finanzjarja tal-UE bdiet pjuttost reċentement permezz tal-Etika għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fit-Turkija tal-2006; jirrikonoxxi l-informazzjoni mill-Kummissjoni li ebda fondi tal-UE ma setgħu jiġu pprogrammati qabel il-ħolqien ta' korp indipendenti uniku kontra l-korruzzjoni u l-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni; jinnota li l-proġett imsemmi huwa meqjus bħala moderatament sodisfaċenti imma li m'għandux indikaturi SMART;

o

o o

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Kumitat tas-Sorveljanza tal-OLAF u lill-OLAF.

5.9.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-ġestjoni baġitarja tal-fondi tal-Unjoni Ewropea ta' qabel l-adeżjoni fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati

(2011/2033(INI)) Il-Parlament Ewropew,

Rapporteur: Jelko Kacin

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Barranin jitlob lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata hija waħda mill-aktar prijoritajiet importanti għal kull pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali li jixtieq jissodisfa l-perspettiva Ewropea tiegħu;
2. Itenni l-importanza li jkun hemm ġudikatura indipendenti, ħarsien u promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u ġlieda effettiva kontra l-korruzzjoni fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija; jilqa' l-approċċ il-ġdid ta' negozjar tal-UE, li jankra fis-sod dawn l-oqsma ta' qofol fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni u jinkludi ftuħ bikri tal-Kapitoli 23 u 24 abbażi ta' pjanijiet ta' azzjoni ċari u dettaljati, li jstimulaw l-istabbiliment tal-leġiżlazzjoni, l-istituzzjonijiet u r-rekords tajbin ta' implimentazzjoni meħtieġa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffissati punti ta' riferenza trasparenti u ġusti matul għall-proċess kollu, li jistgħu jittraduċu l-kriterji fpassi konkreti lejn l-adeżjoni;
3. Iqis li huwa essenzjali li l-assistenza finanzjarja tal-UE tintrabat aktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-politika tat-tkabbir, speċjalment fir-rigward tal-istat tad-dritt, sabiex jitjiebu l-indipendenza, ir-responsabilità, l-imparzjalità, il-professjonaliżmu, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji; jenfasizza li l-finanzjament prevedibbli u suffiċjenti huwa prerekwiżit ewlieni għal riformi ġudizzjarji sostenibbli; jenfasizza l-importanza ta' taħriġ professjonali kontinwu għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali; Jappella biex jingħata finanzjament ulterjuri lill-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili u jkun hemm aktar ħidma magħhom sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tal-ġudikatura u jitjiebu l-kapaċitajiet fuq

żmien fit-tul tagħha, kif ukoll lil dawk li jaġixxu bħala għassiesa u informaturi fir-rigward tal-użu ta' fondi;

4. Jixtieq li jkun hemm rekord ta' prosekuzzjonijiet u deċiżjonijiet tal-qorti li jkunu imparzjali u li jkollhom suċċess fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż f'kawżi ta' profil għoli, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja ta' ċittadini fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet pubbliċi; jistieden l-awtoritajiet rilevanti jtejbu l-kooperazzjoni interistituzzjonali, speċjalment bi strutturi ta' infurzar tal-liġi, iqajmu l-kuxjenza pubblika u jiżviluppaw il-kapaċitajiet għall-ippjanar, l-infurzar u l-monitoraġġ ta' regoli u attivitajiet kontra l-korruzzjoni, kif ukoll sabiex jikkooperaw mill-qrib mal-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u sabiex jaħdmu mill-qrib mal-entitajiet indipendenti tal-istat, bħall-aġenziji kontra l-korruzzjoni; jappella għall-implimentazzjoni ta' strateġiji li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni fuq livell nazzjonali u internazzjonali;
5. Jiddispijaċih għall-fatt li l-finanzjament taħt l-IPA-I jidher li għadu limitat meta titqies l-importanza ta' dawn l-oqsma; josserva, madankollu, kapaċità ta' assorbiment dgħajfa tal-IPA-I fil-qasam tal-istat tad-dritt f'ċerti pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali; iqis essenzjali li titjieb il-ġestjoni tal-finanzjament ta' qabel l-adeżjoni f'dan il-qasam taħt l-IPA-II u jenfasizza li l-progress fl-ilħuq tal-oġettivi speċifiċi dwar ġudikatura indipendenti u effiċjenti, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom, għandhom ikunu mmoniterjati u evalwati abbażi ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi; iqis importanti wkoll li jiġi pprovdut inċentiv ta' rendiment taħt l-IPA-II sabiex jiġi ppremjat ir-rendiment fejn isir progress sostanzjali fl-ilħuq tal-oġettivi speċifikati fid-dokumenti ta' strateġija;
6. Jemmen li l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-midja u dik diġitali jirrappreżentaw kontroll kruċjali fuq is-setgħa u komponent importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kemm bil-provvediment ta' pjattaforma għal-libertà tal-espressjoni u l-provvediment lill-pubbliku b'aċċess għal informazzjoni; jitlob, għaldaqstant, li dawn il-libertajiet jiġu segwiti b'mod attiv permezz ta' programmi taħt l-IPA, maħsuba għall-gvernijiet, iċ-ċittadini u l-istampa kif ukoll lejn l-uffiċjali tal-midja;
7. Jenfasizza li l-Parlament għandu jkun involut b'mod attiv fis-supervizzjoni tal-allokazzjoni u l-infiq tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fl-oqsma kollha, inklużi s-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza, għaldaqstant, li l-Parlament għandu jinżamm infurmat dwar l-implimentazzjoni tal-IPA u l-allokazzjoni tal-fondi għall-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	4.9.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 54 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sir Robert Atkins, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Tarja Cronberg, Mário David, Susy De Martini, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Mirosław Piotrowski, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theoharous, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Karim Zéribi
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Göran Färm, Roberto Gualtieri, Elisabeth Jeggle, Emilio Menéndez del Valle, Doris Pack, Jean Roatta, Marietje Schaake, Alf Svensson, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dubravka Šuica

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.9.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Zuzana Brzobohatá, Andrea Češková, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Bogusław Liberadzki, Monica Luisa Macovei, Jan Mulder, Monika Panayotova, Crescenzo Rivellini, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Bart Staes, Søren Bo Søndergaard
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin, Markus Pieper, Olle Schmidt, Joachim Zeller
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michael Gahler, Iosif Matula, Theodor Dumitru Stolojan